# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

## STATUT

## 1. L-IDENTITÀ

Dan hu l-istatut aġġornat tal-AKKADEMJA TAL-MALTI, minn hawn 'il quddiem imsejħa *l-Akkademja*, u t-traduzzjoni uffiċjali ta' dan l-isem hi *The Maltese Language Academy*. L-Akkademja hi għaqda volontarja. L-emblema u l-motto tal-Akkademja huma dawk li kellha l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, imwaqqfa fl-14 ta' Novembru 1920 u magħrufa bħala l-*Akkademja tal-Malti* mill-15 ta' Diċembru 1963 (ara l-appendiċi).

## 2. L-GĦANIJIET

L-għanijiet tal-Akkademja huma li:

2.1 taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja;

2.2 tikkontribwixxi għall-politika lingwistika u tippromwovi l-għanijiet kollha li jiffurmaw parti mid-dmirijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, kif definiti fil-Liġi tal-Ilsien Malti;

2.3 iġġib 'il quddiem l-istudju akkademiku fuq il-lingwa u l-letteratura Maltija;

2.4 tippubblika kull sena l-perjodiku uffiċjali *Il-Malti*;

2.5 tibni kuntatt ma' ħbieb tal-Malti u ma' persuni li jużaw il-Malti barra minn Malta.

## 3. IS-SĦUBIJA

L-Akkademja għandha:

3.1 tkun magħmula minn Membri Onorarji u Membri;

3.2 tikkunsidra talbiet individwali għal sħubija ġdida permezz ta' formola ta' applikazzjoni mibgħuta mis-Segretarju lill-applikant jew talbiet li jsiru mis-sit elettroniku tal-Akkademja;

3.3 taċċetta sħubija ġdida bi qbil ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri preżenti tal-Kunsill;

3.4 tgħarraf lill-membri kollha bis-sħubija ta' membru ġdid permezz ta' ċirkulari sa tliet (3) xhur mid-dħul tiegħu;

3.5 tipposponi l-kunsiderazzjoni ta' kull applikazzjoni għas-sħubija li tasal fit-tliet xhur qabel id-data tal-iskadenza tal-Kunsill; l-applikazzjonijiet

li jaslu għand is-Segretarju f'dan il-perijodu jiġu kkunsidrati mill-Kunsill il-ġdid;

**3.6** taħtar Membri Onorarji lil dawk il-persuni li jgawdu prestiġju fost il-poplu Malti, u li l-profil pubbliku tagħhom ikun jinkludi rispett u mħabba lejn l-ilsien Malti;

**3.7** taħtar Membri lil dawk il-persuni li ppubblikaw xogħlijiet ta' kontribut siewi f'xi qasam tal-ilsien Malti, lil persuni li fil-fehma tal-Kunsill taw u/jew qed jagħtu kontribut li bih l-Akkademja tilħaq l-għanijiet skont dan l-istatut, kif ukoll minn fost il-gradwati fil-Malti.

## 4. IL-ĦLAS

Il-ħlas tas-sħubija għandu jinqasam kif ġej:

**4.1** il-Membri Onorarji maħtura mill-Akkademja ma jħallsux miżata;

**4.2** il-Membri għandhom iħallsu miżata ffissata minn żmien għal żmien mil-Laqgħa Ġenerali tal-Akkademja;

**4.3** is-sħubija għandha titħallas mhux aktar tard mill-aħħar ta' Diċembru għas-sena li jkun imiss.

## 5. IL-LAQGĦA ĠENERALI

**5.1** Il-Laqgħa Ġenerali, li għaliha s-Segretarju jsejjaħ il-membri kollha fuq deċiżjoni tal-Kunsill, hija l-ogħla awtorità fl-istruttura tal-Akkademja, u titmexxa mill-President jew, fin-nuqqas tiegħu, mill-Viċi President; fin-nuqqas tat-tnejn, għandu jiġi elett President minn fost il-Membri preżenti b'maġġoranza sempliċi, speċifikament biex imexxi dil-laqgħa.

**5.2** Il-Laqgħa Ġenerali tissejjaħ billi jiġu avżati bil-miktub il-membri kollha tal-Akkademja mill-inqas wieħed u għoxrin (21) jum qabel dakinhar li tkun se ssir Laqgħa Ġenerali Ordinarja u għaxart (10) ijiem qabel Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

**5.3** Mal-avviż tal-Laqgħa Ġenerali tintbagħat il-lista aġġornata bl-ismijiet tal-Membri li jkollhom dritt għall-vot.

**5.4** Għal-Laqgħa Ġenerali jattendu l-Membri Onorarji u l-Membri, iżda għall-elezzjoni jivvotaw biss il-Membri li sa tliet xhur qabel il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja jkunu ħallsu s-sħubija tas-sena ta' qabel mingħajr preġudizzju għal dak li jirregolaw artiklu 4.3 u artiklu 7.3 rigward is-sħubija.

5.5 Bħala kandidati għall-elezzjoni tal-membri tal-Kunsill waqt Laqgħa Ġenerali Ordinarja jkunu aċċettati biss persuni minn fost il-Membri.

5.6 F'Laqgħa Ġenerali Straordinarja jivvutaw dawk il-persuni li jkunu jidhru bħala Membri fuq ir-reġistru tal-Akkademja kif ukoll Membri Onorarji.

5.7 Il-kworum għal-Laqgħa Ġenerali għandu jkun ta' għoxrin (20) Membru, u fil-każ li dan il-kworum ma jintlaħaqx tissejjaħ Laqgħa Ġenerali oħra li l-kworum tagħha jkun dak tal-Membri preżenti.

5.8 Il-Laqgħa Ġenerali tista' tkun:

5.8.1 Ordinarja, u ssir mhux aktar tard minn sentejn wara l-Laqgħa Ġenerali Ordinarja ta' qabilha, biex il-Membri jaħtru l-President tal-Kunsill, u għaxar (10) Membri oħra biex flimkien miegħu jiffurmaw ħdax-il (11) membru tal-Kunsill; il-Kunsill jaħtar il-bqija tal-uffiċjali tiegħu minn fost il-Membri eletti fih;

5.8.2 Straordinarja, u ssir meta l-Kunsill jidhirlu li xi materja tinħtieġ id-deċiżjoni tal-parti l-kbira tal-membri tal-Akkademja, jew meta ssir talba bil-miktub lill-President minn mill-inqas ħmistax-il (15) membru. Fil-każ li l-Kunsill ikun għalaqlu ż-żmien tal-ħatra tiegħu, jew għal xi raġuni jew oħra ma jibqax jeżisti, ħmistax-il (15) membru jistgħu jaħtru bħala President persuna li tgawdi fiduċja pubblika bil-poter speċifiku li ssejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja. Din il-persuna jkollha l-poter li tkompli tmexxi l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja kemm-il darba jkollha vot ta' fiduċja mill-maġġoranza tal-membri preżenti, u sakemm ikun hemm kworum għal-laqgħa kif stipulat f'dan l-istatut.

5.9 Il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja għandha tissejjaħ b'din l-aġenda f'din l-ordni:

5.9.1 il-qari tal-minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali mis-Segretarju, u l-approvazzjoni tagħhom;

5.9.2 il-qari ta' rapport amministrattiv mis-Segretarju;

5.9.3 il-qari ta' rapport finanzjarju mit-Teżorier;

5.9.4 id-diskors tal-President;

5.9.5 il-ħatra ta' tliet kummissarji elettorali b'maġġoranza sempliċi biex imexxu l-elezzjoni tal-Kunsill il-ġdid;

5.9.6 ir-riżenja tal-Kunsill;

5.9.7 il-votazzjoni separata u sigrieta għall-kariga ta' President, wara li kull kandidat għal din il-kariga jkun ġie nnominat u ssekondat f'ittra ffirmata minn żewġ Membri tal-Akkademja, li tasal għand il-Kunsill mhux inqas minn ġimgħa qabel id-data tal-Laqgħa Ġenerali; flimkien mal-firma tal-proponent u tas-sekondant, l-ittra għandu jkollha wkoll il-firma tal-persuna nnominata;

5.9.8 l-elezzjoni tal-bqija tal-membri tal-Kunsill skont in-numru ta' voti li jiksbu f'votazzjoni waħda sigrieta, wara li kull kandidat ikun ġie nnominat u ssekondat f'ittra ffirmata minn żewġ Membri tal-Akkademja, li tasal għand il-Kunsill mhux inqas minn ġimgħa qabel id-data tal-Laqgħa Ġenerali; flimkien mal-firma tal-proponent u tas-sekondant, l-ittra għandu jkollha wkoll il-firma tal-persuna nnominata;

5.9.9 it-tmexxija tal-laqgħa mgħoddija f'idejn il-President il-ġdid;

5.9.10 il-ħatra ta' żewġ awdituri approvati mill-maġġoranza tal-Membri preżenti;

5.9.11 il-mozzjonijiet u/jew emendi għall-istatut, wara li dawn ikunu waslu bil-miktub għand il-Kunsill mhux anqas minn ġimgħa qabel id-data tal-Laqgħa Ġenerali, b'ittra ffirmata minn proponent u sekondant;

5.9.12 id-diskussjonijiet imressqa mill-membri preżenti dwar punti li jitqajmu waqt il-laqgħa.

**5.10** Fil-każ li s-Segretarju ma jkunx irċieva biżżejjed nominazzjonijiet għall-membri tal-Kunsill, isiru aktar nominazzjonijiet fil-Laqgħa Ġenerali Ordinarja minn fost il-Membri preżenti għal dik il-laqgħa.

**5.11** Qabel il-votazzjoni, f'Laqgħa Ġenerali Ordinarja, il-kummissarji elettorali jqassmu dokumenti uffiċjali lill-Membri eliġibbli għall-votazzjoni, u jitolbu l-firma ta' dawn il-Membri fuq reġistru li juri li ħadu d-dokumenti tal-vot.

**5.12** Il-kummissarji elettorali għandhom jiżguraw li l-elezzjoni titmexxa skont l-istatut, u għandhom jiffirmaw id-dokumenti tal-votazzjoni qabel ma dawn jingħataw lill-Membri biex jivvutaw.

5.13 Fil-votazzjoni, waqt Laqgħa Ġenerali Ordinarja, kull Membru għandu d-dritt jastjeni, u l-kummissarji elettorali għandhom id-dritt iqisu vot invalidu meta jaqblu fuq dan unanimament.

5.14 Fil-każ li, waqt Laqgħa Ġenerali Ordinarja, l-aħħar kandidati fil-votazzjoni għall-membri tal-Kunsill ikollhom l-istess numru ta' voti, issir votazzjoni oħra fost dawn il-kandidati biex jimtela l-post battal.

5.15 Il-kummissarji elettorali jirreġistraw u jħabbru r-riżultat tal-elezzjoni wara li jgħoddu l-voti validi waqt il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja.

5.16 Il-persuni maħtura bħala President, Viċi President, Segretarju, Teżorier, u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi ma jistgħux iżommu kariga uffiċjali f'għaqdiet oħra akkademiċi jew letterarji tal-Malti, għad li jista' jkollhom kariga uffiċjali fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-Organi tiegħu.

5.17 L-istess persuna ma tistax tokkupa l-kariga ta' President għal aktar minn żewġ termini (erba' snin) konsekuttivi.

5.18 Kull kandidat jista' jiġi nnominat biss bil-miktub għal kariga waħda, ħlief meta ma jkunx hemm nominazzjonijiet biżżejjed u jiġi nnominat waqt il-Laqgħa Ġenerali Ordinarja kif stipulat f'dan l-istatut.

5.19 Kull Membru Onorarju u Membru tal-Akkademja jista' jipproponi jew jissekonda, kif ukoll jivvota għal kull mozzjoni jew emenda għall-istatut.

5.20 Kull Laqgħa Ġenerali torbot lill-membri kollha b'dak li jkun ġie deċiż fiha.

## 6. IT-TMEXXIJA

L-Akkademja titmexxa minn Membri maħtura f'Laqgħa Ġenerali biex jiffurmaw Kunsill li:

6.1 jiltaqa' b'mod regulari u mhux aktar tard minn xahar wara l-aħħar laqgħa, b'sejħa mis-Segretarju fuq parir tal-President jew, fl-assenza tal-President, fuq parir tal-Viċi President; din is-sejħa għandha tinkludi l-jum, il-ħin, il-post u l-aġenda tal-laqgħa, u tasal għand il-membri tal-Kunsill mill-inqas ħamest (5) ijiem qabel dakinhar tal-laqgħa;

6.2 jiltaqa' anki mingħajr is-sejħa tal-President meta tliet (3) membri tal-Kunsill jiktbu lis-Segretarju dwar il-ħtieġa li jsejjaħ laqgħa tal-Kunsill biex tittieħed deċiżjoni fuq materja urġenti;

6.3 jiltaqa' biss bi kworum ta' seba' (7) membri, u jkompli l-laqgħa sakemm dan il-kworum jinżamm;

6.4 jimxi matul kull laqgħa tiegħu skont din l-aġenda f'din l-ordni:

6.4.1 il-qari tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill ta' qabel, flimkien mal-punti mqajmin minnhom u l-approvazzjoni tagħhom;

6.4.2 il-korrispondenza;

6.4.3 l-applikazzjonijiet għas-sħubija;

6.4.4 ir-rendikont finanzjarju;

6.4.5 ħwejjeġ oħra li għalihom tkun saret il-laqgħa;

6.4.6 id-diskussjoni ta' xi punt li ma jkunx fuq l-aġenda tal-laqgħa, iżda li jitressaq minn membru tal-Kunsill u jitqies bħala punt validu għad-diskussjoni immedjata mill-maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kunsill; jekk dan il-punt ma jiġix diskuss fil-laqgħa li fiha jitqajjem, għandu jidħol fl-aġenda għal-laqgħa li jkun imiss;

6.5 ikun ippresedut mill-President jew, fl-assenza tiegħu, mill-Viċi President, jew minn membru ieħor tal-Kunsill maħtur apposta mill-maġġoranza tal-membri preżenti fil-każ li la l-President u lanqas il-Viċi President ma jkunu jistgħu jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill;

6.6 imexxi l-Akkademja skont l-istatut u b'ħidma kontinwa favur l-għanijiet li għalihom teżisti;

6.7 ifassal u jirrevedi programm ta' ħidma u stima ta' nefqa għal kull sena tat-tmexxija tiegħu;

6.8 jaħtar, fl-ewwel laqgħa tiegħu, Assistent Segretarju u Assistent Teżorier/Arkivista minn fost il-membri li jsawruh;

6.9 jaħtar mhux inqas minn erba' (4) membri biex jiffurmaw il-Bord Editorjali tal-perjodiku *Il-Malti*, li l-editur tiegħu jkun minn fost il-membri tal-Kunsill u l-amministratur tiegħu jkun it-Teżorier;

6.10 għandu s-setgħa jitlob kull għajnuna meħtieġa minn barra l-Kunsill;

6.11 għandu s-setgħa jikkooptja membri tal-Akkademja fuq il-Kunsill għal xi ħidma speċifika, mingħajr ma jagħti lil dawn il-membri d-dritt li jivvutaw;

**6.12** għandu d-dmir li jsejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja biex timtela l-kariga ta' President, jekk, għal xi raġuni, din il-persuna ma tibqax tokkupa din il-kariga qabel jintemm iż-żmien tal-ħatra tagħha; fil-każ li jkun hemm postijiet oħra battala fil-Kunsill, dawn jimtlew minn dawk il-persuni li jkunu ġabu l-aktar voti fl-elezzjoni ta' qabel; fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill jgħarraf lill-membri bil-vakanza fil-Kunsill, jitlob lill-membri interessati jressqu isimhom u wara jaħtar minn fosthom membru jew membri u jinforma lill-membri bil-ħatra l-ġdida sa xahar wara;

**6.13** għandu s-setgħa jaħtar sottokumitati, kummissjonijiet, jew bordijiet li fihom irid ikun hemm mill-inqas membru wieħed tal-Kunsill, biex dan jirrapporta kull ħidma tas-sottokumitat, kummissjoni, jew bord partikulari fil-laqgħat tal-Kunsill;

**6.14** iwassal ir-rakkomandazzjonijiet ta' dawn is-sottokumitati, kummissjonijiet, jew bordijiet lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti;

**6.15** għandu s-setgħa jaffilja mal-Akkademja soċjetajiet jew istituzzjonijiet letterarji jew lingwistiċi tal-Malti li jkunu talbu bil-miktub għal din l-affiljazzjoni; din l-affiljazzjoni ssir skont regolamenti speċjali magħmulin għalhekk mill-Kunsill tal-Akkademja;

**6.16** għandu s-setgħa jaffilja lill-Akkademja ma' soċjetajiet jew istituzzjonijiet letterarji jew lingwistiċi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, wara li jkun kiseb l-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-Membri preżenti f'Laqgħa Ġenerali;

**6.17** għandu s-setgħa jżid jew jibdel regolamenti sekondarji (*by-laws*) mingħajr ma jmur kontra l-istatut;

**6.18** għandu jiġbor u jinkorpora dawn is-setgħat u d-dmirijiet fil-President:

6.18.1 jiffirma l-minuti tal-laqgħat kollha tal-Akkademja, kif ukoll il-kuntratti u ċ-ċertifikati li joħorġu f'isem l-Akkademja;

6.18.2 jara li kull korrispondenza u t-tweġiba għaliha jitressqu quddiem il-Kunsill;

6.18.3 jivvota biss fil-ħatra jew fit-tneħħija ta' membri, u biss meta l-voti jkunu ndaqs;

6.18.4 isejjaħ laqgħa tal-Kunsill mingħajr ma jingħata l-avviż ta' ħamest (5) ijiem fil-każ li tkun trid tittieħed deċiżjoni urġenti;

**6.19** għandu jiġbor u jinkorpora fil-Viċi President is-setgħat u d-dmirijiet kollha tal-President, meta dan tal-aħħar ma jkunx jista' jaqdi dmiru;

**6.20** għandu jiġbor u jinkorpora dawn is-setgħat u d-dmirijiet fit-Teżorier:

6.20.1 iħallas l-ispejjeż li jsiru mill-Akkademja sa mhux aktar minn €116 mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll l-ispejjeż rikorrenti approvati mill-Kunsill;

6.20.2 iżomm kif jixraq il-kotba tal-kontijiet, u jkun lest li jagħti rendikont kull meta jkun mitlub mill-Kunsill;

6.20.3 iżomm lista aġġornata tal-membri kollha tal-Akkademja b'dik l-informazzjoni personali meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-Akkademja, u jara li din l-informazzjoni ma tgħaddix għand ħaddieħor mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-membru partikulari li tkun tikkonċerna;

6.20.4 jiġbor il-ħlas ta' sħubija kif tiddetermina l-Laqgħa Ġenerali tal-Akkademja, u jibgħat irċevuta għal kull ħlas, jew avviż għal kull nuqqas ta' ħlas;

6.20.5 ilesti r-rapport finanzjarju meħtieġ lill-Kunsill, biex dan jinqara fil-Laqgħa Ġenerali wara li jkun iffirmat minnu u miż-żewġ awdituri magħżula fl-aħħar Laqgħa Ġenerali biex jeżaminaw bir-reqqa l-kotba tal-finanzi;

6.20.6 jamministra l-bejgħ tal-perjodiku *Il-Malti*, billi jieħu ħsieb il-kontijiet kollha marbuta miegħu;

6.20.7 iżomm rendikont tal-valur tal-beni tal-Akkademja;

**6.21** għandu jiġbor u jinkorpora fl-Assistent Teżorier/Arkivista s-setgħat u d-dmirijiet kollha tat-Teżorier meta dan tal-aħħar ma jkunx jista' jaqdi dmiru, kif ukoll dawn is-setgħat addizzjonali:

6.21.1 iżomm il-kotba, l-ittri, il-manuskritti, u d-dokumenti l-oħra mgħoddija lilu mill-Kunsill għall-arkivju, u jieħu ħsieb jikkataloga dawn id-dokumenti u jillegahom fejn ikun hemm bżonn;

6.21.2 iżomm il-librerija tal-Akkademja, b'reġistru ta' kotba missellfa li juri d-data ta' meta ħarġu u meta daħlu l-kotba, kif ukoll lil min issellfu;

6.21.3 ikabbar din il-librerija tal-Akkademja bix-xogħlijiet tal-membri;

6.21.4 ikattar id-dokumentazzjoni tal-Akkademja b'ritratti, kwadri, filmati, diski tal-kompjuter, u mezzi oħra ta' reġistrazzjoni;

**6.22** għandu jiġbor u jinkorpora fis-Segretarju dawn is-setgħat u d-dmirijiet:

6.22.1 jirċievi l-korrispondenza u jweġibha wara konsultazzjoni mal-Kunsill, ħlief meta tkun korrispondenza ta' natura proċedurali li tista' tintwieġeb minnufih;

6.22.2 iżomm u jiffirma mal-President il-minuti tal-laqgħat kollha tal-Akkademja;

6.22.3 jiffirma mal-President id-diplomi u ċ-ċertifikati li toħroġ l-Akkademja;

6.22.4 javża, kif stipulat f'dan l-istatut, lill-membri kollha tal-Kunsill bil-laqgħat tal-Kunsill li jkunu se jsiru, u lill-membri kollha tal-Akkademja bil-Laqgħat Ġenerali u b'attivitajiet oħra;

6.22.5 jipprepara u jibgħat l-aġenda għal-laqgħat kollha tal-Akkademja;

6.22.6 jipprepara r-rapport amministrattiv lill-Kunsill, biex dan jinqara fil-Laqgħa Ġenerali, u fih jagħti tagħrif dwar l-attendenza tal-membri tal-Kunsill il-qadim matul it-terminu tiegħu;

**6.23** għandu jiġbor u jinkorpora fl-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi dawn is-setgħat u d-dmirijiet:

6.23.1 jgħarraf lill-Kunsill b'dak kollu li jsir jew jingħad li jikkonċerna lill-Akkademja jew lill-ħidma tagħha;

6.23.2 jgħarraf lill-pubbliku bil-ħidma, l-għanijiet, il-politika, u l-karattru ġenerali tal-Akkademja;

6.23.3 iżomm djarju dokumentat tal-attivitajiet tal-Akkademja u jagħti kopja lis-Segretarju.

## 7. L-ETIKA

**7.1** Ikun xieraq li l-Akkademja tirċievi mingħand il-membri tagħha kopji komplimentari tal-pubblikazzjonijiet tagħhom, kif ukoll materjal ta' xi forma oħra ta' produzzjoni marbuta mal-Malti.

**7.2** Kull membru tal-Akkademja għandu d-dritt itemm is-sħubija tiegħu fiha, iżda f'dan il-każ għandu jgħarraf lis-Segretarju bil-miktub, biex ma jibqax jirċievi avviżi għall-ħlas tas-sħubija.

**7.3** Is-sħubija ta' membru tintemm kemm-il darba ma jkunx ħallas il-miżata sal-aħħar ta' Diċembru ta' sentejn qabel.

**7.4** Fil-każ li xi membru juri nuqqas ta' rispett lejn l-Akkademja, jew jikser xi klawsola tal-istatut tagħha, il-Kunsill għandu:

7.4.1 isejjaħ laqgħa tal-Kunsill li tistħarreġ il-każ kollu, u jipprova jwaqqaf dak li jkun qiegħed isir jekk fil-fatt ikun imur kontra l-istatut;

7.4.2 iwiddeb lil min ikun qiegħed jonqos, jew jissospendih u jinformah bil-kitba bid-deċiżjoni tiegħu;

7.4.3 itemm is-sħubija ta' membru mill-Akkademja b'votazzjoni sigrieta fil-Kunsill, li fiha mill-inqas żewġ terzi mill-membri tal-Kunsill, inkluż il-President, ikunu qablu ma' din id-deċiżjoni.

**7.5** Kull membru tal-Kunsill li jonqos mil-laqgħat tal-Kunsill għal tliet (3) darbiet wara xulxin, u mingħajr ma jagħti raġuni xierqa, jitlef il-pożizzjoni ta' membru tal-Kunsill, kemm-il darba s-Segretarju jkun wissieh bil-miktub wara t-tieni darba li jonqos.

**7.6** Meta tinbidel il-kompożizzjoni tal-Kunsill minħabba riżenji, imwiet, eċċ., il-membri għandhom jiġu mgħarrfa bil-kompożizzjoni l-ġdida.

## 8. IX-XOLJIMENT

**8.1** Ix-xoljiment tal-Akkademja jseħħ billi tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja mill-Kunsill għall-membri kollha, u fiha żewġ terzi tal-membri preżenti, inklużi l-Membri Onorarji, jaqblu ma' dan ix-xoljiment.

**8.2** Meta jseħħ dan ix-xoljiment, il-beni kollha tal-Akkademja jingħataw lil dik l-għaqda jew istituzzjoni li għandha l-għanijiet tagħha jaqblu l-aktar ma' dawk tal-Akkademja, kemm-il darba fl-istess Laqgħa Ġenerali li fiha jsir ix-xoljiment żewġ terzi tal-membri preżenti, inklużi l-Membri Onorarji, jivvutaw favur din l-għotja.

## 9. L-ISTATUT

9.1 Kull emenda, tnaqqis, jew żieda fl-istatut għandha ssir bi qbil ta' żewġ terzi tal-Membri preżenti f'Laqgħa Ġenerali Ordinarja jew Straordinarja, li jkollha kworum kif stipulat f'dan l-istatut.

9.2 Fil-każ li l-emenda, it-tnaqqis, jew iż-żieda fl-istatut issir waqt Laqgħa Ġenerali Straordinarja, din għandha ssegwi l-istess proċess bħal dak ta' Laqgħa Ġenerali Ordinarja, jiġifieri l-proposti kollha għal kull emenda, tnaqqis, jew żieda fl-istatut għandhom jaslu bil-miktub għand il-Kunsill mhux anqas minn ġimgħa qabel id-data tal-Laqgħa Ġenerali, b'ittra ffirmata minn proponent u sekondant.

9.3 Il-Laqgħa Ġenerali, b'maġġoranza ta' żewġ terzi, għandha l-jedd tinterpreta kull klawsola tal-istatut.

## APPENDIĊI

1. L-arma tal-Akkademja tal-Malti hija dik li tidher hawn taħt, u ġġib il-motto "Lingua Concordia Domi Forisque Decor", li tfisser "Il-kelma tal-għaqda fil-ħajja privata u pubblika hija l-ġieħ tagħna".
2. Il-qaddis patrun tal-Akkademja tal-Malti hu San Luqa.
3. L-Akkademja tal-Malti mhix organizzazzjoni li tagħmel profitt, kif definit fl-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kapitlu 492 tal-liġijiet ta' Malta).
4. Dan l-istatut daħal fis-seħħ mill-4 ta' Ġunju 2005, kif approvat fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja ta' dakinhar u ġie emendat fil-Laqgħa Ġenerali Ordinarja li saret fil-31 ta' Awwissu 2013.

L-AKKADEMJA TAL-MALTI
12, App. 1, Dar Doreen Micallef
Triq Sant'Andrija, Il-Belt Valletta VLT 1341
info@akkademjatalmalti.com

www.akkademjatalmalti.com